MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 385/2005

PULIZIJA
SPETTUR CARLOS CORDINA
VS
LEWIS FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lewis Farrugia, ta' 51 sena, iben Carmel u Maria Carmela nee' Zammit, imwieled Zurrieq fit-23 ta' Ottubru, 1953, residenti Old Charm, Triq Vincenzo Dimech, Zurrieq u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 749753(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Gunju, 2000 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, bhala d-detentur tal-fond Old Charm, Triq Vincenzo Dimech, Zurrieq, ukoll wara inzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn Lm 417.60c mill-fond Old Charm, Triq Vincenzo Dimech, Zurrieq, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Peter Micallef, impjegat ma' l-EneMalta, (a fol.11 et seq.) xhed illi huwa kien acceda fil-fond ta' l-imputat u sab li s-sigilli "*Ma kienux tajbin u kif qlajna l-cover tal-meter, sibna li kellu l-voltage coil maqlugh u b'hekk il-meter ma setghax jirregistra l-konsum.*" Ikkonferma x-xhieda tieghu moghtija fl-inkjesta a fol.22 et seq.

Supretendent Lawrence Cutajar (a fol.19) ikkonferma r-rapport tieghu, ta' 12 ta' Gunju, 2000 a fol.6 tal-Process Verbal anness ma' l-atti.

Fit-tieni xhieda tieghu, Peter Micallef (a fol.21 et seq.), ikkonferma illi s-sigilli celesti tal-*meter* tad-dawl, misjub fil-

fond ta’ l-imputat, kienu tajbin izda li s-sigilli l-homor deheru dubjuzi izda kellu diffikulta’ biex jasal ghal konkluzjoni li kienu mbghabsa. Infatti fl-ahhar tax-xhieda tieghu, Micallef jispicca jghid illi s-sigilli kienu tajbin.

Alan Chetcuti (a fol.31) mir-*Revenue Protection Section* tal-Korporazzjoni ta’ l-EneMalta kkonstata illi l-konsum ta’ luce elettrika da parti ta’ l-imputat kien jammonta ghal Lm417.60c, illi minnhom iridu jitnaqqsu Lm250 *administration charges* illi l-imputat kien diga’ hallas.

Irid jigi notat illi f’dan il-kaz, il-Perit Espert, Philip Zammit, ma spletax l-inkarigu tieghu, tant li wara zmien konsiderevoli, gie revokat dan l-inkarigu u gie sostitwit bl-Espert Horace D’Anastasi. In fatti Horace D’Anastasi gie sostitwit u ghamel il-verifiki tieghu fis-17 ta’ Mejju 2001, meta r-rapport dahhal fit-12 ta’ Gunju 2000.

A fol.38, Alan Chetcuti rega’ ta t-testimonjanza tieghu u ta spjegazzjoni ta’ kif saret l-istima tal-luce elettrika llegali.

L-imputat, Farrugia, fix-xhieda tieghu nnega illi huwa baghbas b’xi mod xi *meter* tad-dawl. (ara xhieda a fol.41 et seq.)

Ikkonsidrat:

Illi f’din il-kawza l-Qorti hija rinfaccjata b’xhud ewlieni, Peter Micallef, li waqt l-inkjesta u fl-ewwel xhieda quddiem din il-Qorti, sostna illi s-sigilli kienu dubjuzi, izda fit-tieni xhieda tieghu, quddiem il-Qorti, isib diffikulta’ biex isostni illi s-sigilli homor kienu mbaghbsa u jispicca jghid illi s-sigilli ta’ dan il-*meter* kienu tajbin.

Illi, di piu’, din il-Qorti hija rinfaccata b’sitwazzjoni anomala fis-sens li l-Perit Tekniku Philip Zammit, gie sostitwit **sena wara d-data ta’ l-investigazzjoni**, b’Espert iehor, Horace

D’Anastasi u ghalhekk din il-Qorti ma tistax in koxxenza toqghod fuq il-konkluzjoni tieghu illi s-sigilli l-homor ta’ ma’ l-arlogg indikat infethu (! sic) meta kienu l-istess Ufficjali ta’ l-EneMalta li ddikjaraw illi huma kellhom jiifthu s-sigilli homor biex jaghmlu spezzjoni tal-parti ta’ gewwa tal-*meter*.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti rinfaccata b’dawn it-tip ta’ provi ma tistax taghmel altru ghajr li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------